**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn, 14 ta` Dicembru 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 621/2020 JZM**

**APS Bank plc (C2192)**

***kontra***

**Daniel Aloisio (Karta tal-Identita` numru 353976M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fl-24 ta` Lulju 2020 u li jaqra hekk :–

*1. Illi permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil datat wiehed u ghoxrin (21) ta` Mejju tas–sena elfejn u erbatax (2014) (anness bhala Dokument A), il-Bank rikorrenti kkonceda lill-intimat facilita` ta` self tas-somma ta` mija u hamsin elf Euro (€150,000) soggetta ghall-"events of default" u l-pattijiet u kondizzjonijiet l-ohra kollha stipulati u pattwiti fl-istess kuntratt notarli u s-"sanction letter" relattiva datata hamsa (5) ta` Frar tas–sena elfejn u erbatax (2014) (kif emendata permezz ta` ittri datati wiehed u ghoxrin (21) ta` Mejju tas-sena elfejn u erbatax 2014 u tlettax (13) ta` Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) (Dokumenti B, C u D);*

*2. Illi l-intimat huwa moruz u inadempjenti fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti stante li l-intimat kiser il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati u pattwiti fl-imsemmi kuntratt notarili (Dokument A) u l-imsemmija "sanction letter" (Dokumenti B, C u D), inkluzi l-"events of default" relattivi, u ghalhekk l-intimat tilef kull beneficcju tat-terminu lilu koncess;*

*3. Illi l-imsemmija facilita` bankarja giet "called in" mill-Bank rikorrenti permezz ta` ittra ta` "call in" mahruga mill-Bank rikorrenti datata erbgha (4) ta` Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dokument E);*

*4. Illi l-bilanc ta` debitu dovut illum mill-intimat lill-Bank rikorrenti, skont l-imsemmija facilita` bankarja, jammonta ghas-somma ta` mija u sebgha u erbghin elf u erba` mija u ghaxar Euro u sittax-il centezimu (€147,410.16) dovuta kwantu ghas-somma ta` €133,114.08 bhala bilanc ta` debitu ta` "Loan Account numru 2000174225-5 (Dokument F) u kwantu ghas-somma ta` €14,296.08 bhala bilanc ta` debitu ta` "Interest Disposal Account" numru 3691971003-5 (Dokument G) u dana oltre l-interessi ulterjuri b`effett mis-sitta (6) ta` Gunju 2020 sad-data tal-pagament effettiv;*

*5. Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi mis-socjeta` rikorrenti, anke permezz ta` ittra interpellatorja datata tmintax (18) ta` Lulju 2019 (Dokument H) u permezz ta` ittra ufficjali datata erbgha u ghoxrin (24) ta` Ottubru 2019 (Dokument I), sabiex ihallas il-bilanc ta` debitu dovut minnu skont l-imsemmija facilita` bankarja, izda xorta wahda baqa` inadempjenti.*

*6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:*

*1. Tiddikjara illi l-intimat huwa moruz u inadempjenti fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti stante l-intimat kiser il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stipulati u pattwiti fil-kuntratt notarili relattiv u s-"sanction letter" relattiva, inkluzi l-"events of default" relattivi, u ghalhekk l-intimat tilef kull beneficcju tat-terminu lilu koncess, u ghalhekk,*

*2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta` mija u sebgha u erbghin elf u erba` mija u ghaxar Euro u sittax-il centezimu (€147,410.16) dovuta kwantu ghas-somma ta` €133,114.08 bhala bilanc ta` debitu ta` "Loan Account numru 2000174225-5 u kwantu ghas-somma ta` €14,296.08 bhala bilanc ta` debitu ta` "Interest Disposal Account" numru 3691971003-5 u dana oltre l-interessi ulterjuri b`effett mis-sitta (6) ta` Gunju 2020 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjes kollha kontra l-intimat, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata erbgha u ghoxrin (24) ta` Ottubru 2019 u tal-Mandat ta` Sekwestru prezentat kontestwalment ma dan ir-Rikors Guramentat, u bl-interessi ulterjuri b`effett mis-sitta (6) ta` Gunju 2020 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat mill-llum ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi ghalkemm l-intimat kien notifikat skont il-ligi bl-atti li bihom kienet intavolata l-azzjoni attrici, kif ukoll bl-avviz tas-smigh tal-kawza, huwa ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk tqies fi stat ta` kontumacja.

Semghet ix-xiehda ta` Charyl Azzopardi, in rapprezentanza tal-bank attur, fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2020.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li sal-20 ta` Novembru 2020 il-konvenut jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet skont l-Art 158(10) tal-Kap 12.

Rat illi l-konvenut ma pprezentax nota ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Illi jirrizulta li t-talbiet attrici huma ben korraborati mid-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Illi komplew jigu riaffermati mix-xiehda ta` Charyl Azzopardi.

Illi t-talbiet attrici jsegwu l-premessi tar-rikors guramentat.

Illi l-provi attrici ma kienu bl-ebda mod kontradetti.

Illi t-talbiet attrici huma ppruvati ghas-sodisfazzjon taghha sal-grad rikjest mil-ligi.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi qeghda tilqa` t-talbiet kollha attrici kif dedotti kontra l-konvenut, bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenut b`effett mis-6 ta` Gunju 2020 sad-data tal-effettiv pagament, kif ukoll bl-ispejjez kontra l-konvenut, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fl-24 ta` Ottubru 2019 kif ukoll dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju prezentat fl-24 ta` Lulju 2020.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**